TRIBUNAL GĦAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 156/15-F

George Schembri
Vs
Channel Ltd.

Illum, 15 ta' Marzu, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-20 ta' Awwissu, 2015, fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mitt Ewro (€500) rappreżentati prezz ta' sufan motoriżżat li bdiet titqaxxar il-ġilda kollha minn fuqu.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti xtara sufan motorizzat u dan nxtara f'Novembru 2013, li wara ftit żmien irriżulta li l-mekkanżmu tiegħu kien difettuż u anke kellu difett fil-ġilda minħabba l-fatt li din bdiet titqaxxar.

Ir-rikorrenti qal li dan dejjem intuża ġewwa u qatt ma ġie espost għax-xemx, kif ukoll id-dar kellu *throw over* u qatt ma naddfu b'xi kimika.

L-intimat issottometta li dan bil-fors kellu xi kimika miegħu jew intuża xi deterġent li qaxxar il-ġilda, kif ukoll kien għamel żmien espost għax-xemx.

**It- Tribunal:**

It-Tribunal wara li ra r-ritratti tas-sufan u sema' l-partijiet, jiddeċiedi li jilqa' t-talba tar-rikorrenti billi qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti li qatt ma naddaf dan is-sufan b'xi kimika, iżda l-ġilda kienet difettuża li bl-użu ma jsirx hekk.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jiddeċiedi li jikkundanna lis-soċjeta intimata tħallas l-ammont ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350) bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta intimata u b'dan illi s-sufan isir propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**